

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja) fit-28 ta' Jannar 2013 — Cartiera dell'Adda SpA vs CEM Ambiente SpA

(**Kawża C-42/13**)

(2013/C 101/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinvju

Tribunale Amministrativo Regionale per la Lombardia (l-Italja)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Cartiera dell'Adda SpA, Cartiera di Cologno SpA

Konvenut: CEM Ambiente SpA

Domandi preliminari

- (1) Id-dritt Komunitarju jipprekludi l-interpretazzjoni li permezz tagħha, fil-każ li impriżza li tipparteċipa f-sejħa għal offerti ma tkunx iddiċċi, fl-offerta tagħha, li d-direttur tekniku tagħha ma jkunux suġġett għal proċedura jew għal kundanna bħal dawk previsti fl-Artikolu 38(1)(b) u (c) tad-Digriet Leġiżlattiv 163/2006, l-awtorità kontraenti għandha tiddeċċiedi li teskludi lil din l-impriżza anki meta din tal-aħħar tkun ipproduċiet prova suffiċjenti li l-kwalifikha ta' direttur tekniku tkun għiet indikata bi żball purament materjal?

- (2) Id-dritt Komunitarju jipprekludi l-interpretazzjoni li permezz tagħha, fil-każ li impriżza li tipparteċipa f-sejħa għal offerti tkun ressjet prova rilevanti u suffiċjenti li l-persuni marbuta li jippreżentaw dikjarazzjoni skont l-Artikolu 38(1)(b) u (c) ma jkunux suġġetti għal proċedura jew għal kundanna bħal dawk previsti f'din id-dispożizzjoni, l-awtorità kontraenti għandha tiddeċċiedi li teskludi lil din l-impriżza bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza ta' dispożizzjoni tal-lex specialis li permezz tagħha għiet imnedja s-sejħa għal offerti?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Østre Landsret (id-Danimarka) fit-28 ta' Jannar 2013 — Nordea Bank Danmark vs Skatteministeriet

(**Kawża C-48/13**)

(2013/C 101/24)

Lingwa tal-kawża: id-Daniż

Qorti tar-rinvju

Østre Landsret

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Nordea Bank Danmark A/S

Konvenut: Skatteministeriet

Domanda preliminari

L-Artikoli 49 u 54 TFUE (li qabel kienu l-Artikoli 43 u 48 KE), kif ukoll l-Artikoli 31 u 34 ŻEE, jipprekludu lil Stat Membru, li ppermetta li kumpanniha residenti tnaqqas b'mod regolari t-telf sostnut/inkors minn stabbiliment permanenti li jinsab fi Stat Membru ieħor, milli jinkorpora mill-ġdid mad-dħul taxxabbli tal-imsemmija kumpanniha t-telf kollu tal-istabbiliment permanenti (sa fejn dan ma ġiex paċut bi profitti fis-snin segwenti) meta l-istabbiliment permanenti ma jibqax jeżisti minħabba l-fatt li parti mill-attivitàet tiegħu kienet ġiet ittrasferita lil kumpanniha li tifforma parti mill-istess grupp u li hija stabbilita fl-istess Stat Membru tal-istabbiliment permanenti, u meta l-possibilitajiet kollha tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-imsemmi telf għandhom jiġu meqjusa bħala eżawriti?

Rikors ippreżentat fit-31 ta' Jannar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Polonja

(**Kawża C-55/13**)

(2013/C 101/25)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: P. Hetsch, O. Beynet, u K. Herrmann, aġenti)

Konvenuta: ir-Repubblika tal-Polonja

Talbiet

- tiddikjara li billi naqset milli tadotta l-liġjiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċċessarji sabiex tikkonforma ruħha mal-Artikolu 2(15), (16), (22), (34) u (35), l-Artikolu 3(4) u (9), l-Artikolu 6(1) sa (3), l-Artikolu 7(1) u (3), l-Artikolu 9 kif ukoll l-Artikolu 14 u l-Artikolu 17 sa 23, l-Artikoli 10 u 11, l-Artikolu 16, l-Artikolu 26(2)(c), it-tieni sentenza et seq kif ukoll l-Artikolu 26(2)(d), it-tielet u r-raba' sentenza, l-Artikolu 26(3), l-Artikolu 27(2), l-Artikolu 29, l-Artikolu 31, l-Artikolu 36, l-Artikolu 42(1) sa (4), l-Artikolu 43(1), (4) u (8), l-Artikolu 44 kif ukoll il-punti 1 u 2 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (1) u billi, fi kwalunkwe każ, naqset milli tinnotifika lill-Kummissjoni b'dawn id-dispożizzjonijiet, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 54(1) ta' din id-direttiva;

- timponi fuq ir-Repubblika tal-Polonja, skont l-Artikolu 260(3) TFUE, pagamenti ta' penalità għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu tagħha li tinnotifika l-miżuri li jittraspunu d-Direttiva 2009/73/KE bir-rata ta' EUR 88 819,20 għal kull jum dekorribbli mill-jum li fihi tingħata s-sentenza f'din il-kawża;